MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 118/2006

Gelluxa Limited .

VS

Charles Cordina u
is-Soċjeta' 'World Leisure Co. Ltd' , qabel
magħrufa bħala 'Andreluna Limited' .

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi li permezz tiegħu wara li ppremettiet :

1. Illi s-soċjeta' 'World Leisure Co. Ltd,' qabel magħrufa bħala 'Andrelina Limited' kellha tħallas lis-soċjeta' ammont ta' disat'elef ħames mija wieħed u sebgħin lira maltija (Lm9,571) prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lilha mill-attriċi ;

2. Illi bi skrittura datata l-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u erbgħa (2004), l-intimat Charles Cordina, uniku direttur azzjonist tal-kumpanija intimata, u l-persuna illi effettivament għandu l-kontroll tal-istess kumpanija, kien daħal garanti solidali għall-ħlas ta' dan l-ammont;

3. Illi effettivament, minn dan l-ammont tħallsu diversi pagamenti akkont, iżda ma saru ebda pagamenti ulterjuri wara t-13 ta' Frar 2006 u llum fadal bilanċ dovut lill-attriċi ta' Lm5,276.13c; oltre l-interessi fuq dan l-ammont mid-data tal-aħħar konsenja (3 ta' Frar 2004) sad-data tal-pagament effettiv ;

4. Illi dan id-debitu huwa wieħed ċert likwidu u dovut u safejn jaf l-esponenti l-konvenuti/intimati ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jqajjmu għat-talba illi dan il-kreditu tal-esponenti jitħallas .

Talbet lill-konvenuti jgħidu ghaliex din il-Qorti ma għandhiex :

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizazzjoni u Proċedura Ċivili ;

2. Tiddikjarakom debituri, solidali bejnietkom, fil-konfront ta' l-attriċi fl-ammont ta' Lm5,276.13c (ħamest elef mitejn u sitta u sebgħin lira maltija u tlettax-il ċenteżmu) bl-interessi relattivi b'effett mit-3 ta' Frar 2004 sad-data tal-effettiv pagament ;

3. Tikkundannakom tħallsu lill-attriċi dan l-ammont flimkien mal-interessi relattivi ;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Awissu 2006, u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontra tagħkom kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom nġunti .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, cioe' bħala dokument 'A' l-oriġinal tal-iskrittura tal-1 ta' Settembru 2004; bħala dokument 'B', kopja tal-ittra tad-29 ta' Awissu, 2006; bħala dokument 'C' statement of accounts tal-ammont dovut, u bħala dokument 'D' affidavit ta' Mario Grech għan-nom tas-soċjeta' attriċi .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenuti illi ġġib id-data tal-25 ta' Ottubru, 2006 .

Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni tal-istess konvenuti, pprezentata llum stess seduta stante .

Rat il-verbal tal-kontendenti tal-lum ukoll, fejn qablu illi l-konvenut jammetti t-talba, b'dana illi jħallas l-ammont dovut f'rati mensili ta' mhux anqas minn ħames mitt lira kull waħda, bl-ewwel pagament ikun dovut mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006, b'dana illi f'każ ta' morożita' l-konvenuti jitilfu l-benefiċċju tat-terminu .

Il-Qorti għalhekk u in vista ta' din ammissjoni tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi,

Tiddikjara lill-konvenuti debituri solidalment bejniethom fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' ħamest elef mitejn sitta u sebgħin lira maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm5,276.13c) bl-interessi relattivi b'effett mit-3 ta' Frar 2004 sad-data tal-pagament effettiv .

Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu in solidum bejniethom lis-soċjeta' attriċi dan l-ammont flimkien ma' l-interessi relattivi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Awissu 2006, u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontra l-istess konvenuti kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra tagħhom .  B'dana pero', illi l-ħlas għandu jsir skond kif miftiehem bejn il-kontendenti fil-verbal tal-lum stess

---------------------------------TMIEM---------------------------------